MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Numru 392/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**Anthony Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Anthony Farrugia ta' 60 sena, bin Pawlu u Gianna nee' Abdilla, imwieled Zurrieq fil-20 ta' April, 1946 u residenti Lancashire, 28, Triq ic-Cavi, Mqabba. ID 423346M gie akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer fis-17.12.2002 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, bhala id-detentur tal-garaxx minghajr numru li jinsab fi Triq Mons Alfons Caruana, Mqabba, ukoll wara inzul ix-xemx, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmenijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ l-elettriku, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta’ dawl elettriku fl-ammont ta’ Lm594.22c mill-garaxx minghajr numru li jinsab fi Triq Mons Alfons Caruana, Mqabba, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok WS1 u li jinsab a fol. 14 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Walter Spiteri ghall-Prosekuzzjoni, fid-dawl ta’ dak li xehed illum Alan Chetcuti u l-kontenut tad-dokument esebit mill-istess xhud bhala Dok AC1, stante li mill-istess Dok AC1 jemergi li l-Korporazzjoni Enemalta ma baqghalha l-ebda pendenza mas-Sur Anthony Farrugia rigward dan il-kaz u ghaldaqstant irrinunzjat minghajr riserva ghal passi kriminali f’dan il-kaz, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza migjuba kontra l-imputat, kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ta’ din il-kawza sabiex il-Qorti barra milli taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tilqa’ it-talbiet tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Walter Spiteri ghall-Prosekuzzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza migjuba kontra l-imputat Anthony Farrugia u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ta’ din il-kawza sabiex il-Qorti barra milli taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------